MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Numru 690/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**Versus**

**Joseph Fenech**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joseph Fenech ta' 49 sena bin Gregory u Beatrice Frendo, imwieled Birkirkara fit-2 ta' Novembru 1954 u residenti Villa Vienna Flat Numru 1, Antonio Schembri Street Kappara. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 823954 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar snin, ***u cioe' fil-perjodu tal-11 t'April, 2001 u fix-xhur ta' qabel u wara din id-data:***

**B'mezzi kontra l-Liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabeix iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ ta' aktar minn Lm15000 għad-dannu tal-konjuġi Carmel u Helen Galea u persuni oħra u dan bi ksur ta' l-artikolu** 308, 309, u 310(10 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inlużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat 8239 tal-1954, il-fedina penali a fol 4 et, l-istqarrija tal-imputat (fol 37 sa 38), il-kwerela magħmula minn Carmel u Helen konjuġi Galea (fol 39), irċevutat ta' ħlas ta' depożitu ta' Lm4000 (CG 1 fol 76), irċevuta oħra bid-data ta' 26 t'April 2001 li turi li Charles Galea kien ħallas Lm8000 globalment, id-dokumenti tal-BOV tas-sur Galea (CG 3 u CG 4) (78-79), pjanta (fol 80), skrittura privata tas-27 ta' Lulju 2001 li fiha jidher li Matthew Pace irrifonda Lm2300 lis-Sur Galea waqt li l-imputat intrabat li jħallas Lm17,700 sal-1 t'Awwissu 2001, il-kopja tal-konvenju li ġġib id-data tal-11 t'April 2001, il-proċess Challenge lill-Kummssarju tal-Pulizija (fol 88), id-dokument PF 1 (a fol 185 -188), l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (fol 263) u l-konvenju bejn Saviour Lauron u Joseph Fenech, Josef Grech u Matthew Pace tat-8 ta' Frar 2001 a fol 304-305

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

5. Is-Supretendent Alexandra Mamo xehdet li hija kienet iddiskutiet fit-tul il-fatti ta' dan il-każ mal-Avukat Ġenerali u l-konklużjoni kienet li dan kien każ purament ċivili. Iżda kien sar mill-konjuġi Galea lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-Kummissarju jieħu passi kontra diversi persuni. Il-Maġistrat kien iddeċieda li kien hemm każ prima facie

kontra l-imputat biss. Il-Qorti Kriminali ma kenitx laqgħet it-talba tal-konjuġi Galea li kellhom jittieħdu passi kontra persuni oħrajn. Is-Sur Galea kien qalilha li kein sar konvenju fuq art fil-limiti ta' Burmarrad. Wara l-imputat kien għamel diversi talbiet għall-flus lis-sur Galea (fol 16) liema ħlasijiet kellhom jitqiesu bħala qed jaqtgħu l-prezz aħħari li kellu x'jaqsam man-negozju tal-post f'Burmarrad. Imbagħad wieħed mill-bejjiegħa kien għarraf lis-Sur Galea li l-bejgħ ma setax isir għax il-post kien qbiela. Is-Sur Galea mar għand in-Nutar u dan tal-aħħar qallu li l-flus kellhom ikunu rifonduti lura. Waqt li Matthew Pace ħallas Lm2300 lura lil Galea, Joseph Fenech ikkostiwixxa ruħu debitur fis-somma ta' Lm17,700 li kellha titħallas sa 1 t'Awwissu 2001 u imbagħad il-ftehim kien estiż sal -1 ta'Novembru 2001 iżda dan il-bilanċ ma tħallasx.

6. L-area in kwistjoni kienet ġiet trasferita minn Carmel Lauron lil Sammy Lauron fit-8 t'April 1993. Skond Matthew Pace, Sammy Lauron kien ipproduċa dokumenti u riċevuti li kellhom x'jaqsmu mal-art flimkien mat-titolu. (ara fol 20).Skodn l-istess Matthew Pace, hu u l-ikmputat kienu jmorru għand is-Sur Galea biex javvanzalhom xi flus għax riedu jinvestuhom fi propjeta'. Issa l-imputat beda jmur aktar spiss għand is-Sur Galea.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat kien qal li Sammy Lauron kien qallu li l-art keinet b'ċens li kien idur. Huwa ċaħad li Sammy Lauron kien għarraf lin-Nutar li din l-art kienet tal-Gvern. (fol 37). In-Nutar kien qal li ser isiru r-riċerki u mbagħad jaraw. Meta ġeew biex ibigħu l-art lis-sur Charles Galea, l-avukat tas-Sur Charles Galea ried ikun ċert dwar il-kejl u għalhekk qabbdu draughtsman biex jagħmel il-kejl. Wara li sari l-konvenju, inqalgħet opportunita' li jinxtraw xi garaxxijiet u s-sur Galea staqsa lill-imputat jekk kellux xi problema u mill-ewwel s-sur Galea ta cheque ta' Lm4000 lill-imputat. L-imputat qal li hu kien imur għand is-Sur Galea jitolbu l-flus u dan kien jagħtih il-flus għax Galea kien jaf li xorta ried iħallsu tal-art. Meta sar jaf li l-art kienet qbiela huwa għarraf lis-sur Galea dwar x'kien ġara u dan kien ħadha bi kbira għaliex

il-post kien xtaqu. Fil-frattemp l-imputat talab lil Galea xi żmien biex irodd il-flus lura. L-imputat qal:

**'Kont inkun miġnun nixtri art qbiela b'dawk il-prezzijiet.' (fol 38)**

8. Xehed ukoll **is-Sur Anthony Deguara** tad-Dipartiment tal-Artijiet li spjega li l-art oriġinarjament ingħatat lill-ħames bdiewa. Wieħed minnhom, Carmel Lauron kien gaħddieha lil ibnu. (fol 43).(8 t'April 1993) It-tenement 50312 kein magħruf bħala ċ-**Ċens ta' Budaqq**. (fol 44). Skond il-Liġi, l-art tista' tkun trasferita lill-memberi tal-familja. (fol 46).
9. Xehed is-**Sur Carmel Galea** li qal li meta marru fuq il-post kien hemm is-sensar, Joseph Grech, Matthew Pace u l-imputat. Matthew Pace kien assigura lis-Sur Galea li l-post kien fuqhom bħala konvenju u issa setgħu jgħadduh lilu. (fol 52). Huwa spjega li kien qam punt dwar il-pjanta u sari l-kejl. Imbagħad sar il-konvenju. L-imputat imbagħad kien ġablu ċ-ċavetta. Imbagħad kienu jmorru l-imputat u Matthew Pace u jitolbuh il-flus u kien tahom b'kollox Lm20,000. F'dak iż-żmien ma keinx qed imur għand l-Avukat iżda lin-nutar dejjem kien jgħidlu x'ser jagħmel. F'mument minnhom in-Nutar kien qal lix-xhud biex ma jagħtix aktar flus. Għall-flus daqqa kienu jmorru t-tleita (ara fol 670, daqqa tnejn u daqaqa Joseph Fenech waħdu. Jum wieħed Mattew Pace għarrfu li l-art kienet bi qbiela minn għand il-Gvern. Wara sar ftehim għall-ħlas lura tla-flus iżda dan qatt ma seħħ.

10. Is-Sur **Paul Sammut**, id-deputat reġistratur, ippreżenta kopja tal-proċess ta' challenge magħmul lill-Pulizija fl-ismijiet 'Carmel u Helen konjuġi Galea versus il-Kummissarju tal-Pulizija'.

11. U wara **Dr.Louis Vella**, l-avukat tal-parte civile, xehed li hu kien ta parir lil Carmel Galea li l-importanti kien li r-riċerki jkunu tajbin. (Fol.90). Meta marru għand in-Nutar, dan qallu li r-riċerki kienu qed jiġu aġġornati. L-Avukat kien insista wkoll li jkun hemm perit biex jindika l-linja eżatt. Xi ftit taż-żmien wara, Carmel Galea infurmah li

huwa (Carmel Galea) kien ta madwar Lm20,000 u issa kien sar jaf li l-kuntratt ma kienx jista' jsir. Huwa mexxa bil-kwerela u l-Pulizija bdew jinvestigaw iżda ma kinux bagħtu għall-avukat. Imbagħad bagħtet għalih is-Supretendent Mamo. Wara l-Pulizija infurmawhom li din kienet kwistjoni purament ċivili. (fol.92). Wara sar iċ-challenge li fih il-Maġistrat kienet iddeċidiet li kien hemm prima facie każ kontra Joseph Fenech. L-Appell ( recte: Il-Qorti Kriminali) ikkonferma d-deċiżjoni tal-Maġistrat. (Fol.93).[1] (L*-Appell kien sar mill-konjuġi Galea sabiex il-Qorti Kriminali tordna li jittieħdu passi kontra aktar persuni. L-appell kien limitat għal dan il-għan biss.* ***Il-Qorti Kriminali ċaħdet din it-talba tal-konjuġi Galea.***)

12. Xehed **Sammy Lauron** li qal li l-art inkwistjoni kien dawwarha fuqu missieru xi erbatax jew ħmistax-il sena qabel. (fol.95). L-art kienet bil-qbiela minn għand il-Gvern. Huwa kien qal lis-sensar li l-art kienet tal-gvern. (fol.97). Eventwalment is-sensar kien laqqgħu ma' l-imputat u persuna oħra (fol.97) u lis-sensar kien reġa' qallu li l-art kienet tal-gvern. Imbagħad kienu marru darb'oħra għandu żewġ persuni wieħed minnhom l-imputat u l-ieħor Matthew Pace. Hu kien qalilhom li l-art kienet tal-gvern(fol.99). Infatti, xehed kif ġej:

**'Insomma lil Żeppi għidtlu hemm hekk art tal-gvern mhux tiegħi. Qalli jien nirranġa. Għidtlu Ok.' (Fol.99)**

13. Lill-imputat kien tah ir-riċevuta tal-qbiela u wara marru għand in-nutar għall-konvenju. Huwa xehed li lin-nutar kien qallu li l-art kienet bi qbiela. (Fol.103). Iċ-ċekk li kien ta x-xerrej ma kienx ħadu x-xhud u żammu n-Nutar. L-imputat baqa' jmur għandu u talbu ċ-ċavetta qabel ma sar il-kuntratt. Ta' dan l-imputat tah ċekk ta' Lm80. Iżda dan iċ-żekk ma kienx jissarraf. (Fol.103). Wara tah il-flus f'cash. (Fol.104). Ix-xhud imbagħad iltaqa' max-xerrej li

[1] Il-Qorti Kriminali fid-19 t'Awwissu 2004. Il-konjuġi Galea kienu talbu li l-Qorti Kriminali twessa' r-responsabilita' kriminali għal aktar persuni (ara d-deċiżjoni a fol 2). Ara wkoll il-kummenti tal-Qorti Kriminali dwar sa fejn għandha tasal il-Qorti tal-Maġistrati f'każ ta' challenge. Skond l-artikolu 637 tal-Kap 9, il-Qorti tal-Maġistrati għandha tara biss jekk hemmx każ prima facie. Hija m'għandhiex il-kompitu lil min temmen u ma temminx. (ara d-deċiżjoni a fol 2)

beda joffrilu l-flus iżda x-xhud baqa’ jinsisti li ma riedx flus qabel isir il-kuntratt. Lix-xerrej iżda ma kienx qallu li l-art kienet imqabbla. (Fol.105).

14. Imbagħad kien mar l-imputat, qallu li l-kuntratt ma setax isir u stiednu biex imorru għand in-Nutar. Hawn Carmel Galea kien għarrfu li Joseph Fenech kien ħadlu xi flus. 10. Huwa kien ġibed l-attenzjoni tan-Nutar dwar li l-art kienet bi qbiela u dan staqsieh kif allura kienet daret fuq ismu la kienet fuq missieru. Hawn ix-xhud spjega li dan seta’ jseħħ biss għax hu (ix-xhud) kien membru tal-familja. Ix-xhud qal ukoll kemm is-sensar kif ukoll l-imputat kienu jaf dwar dan. (fol.108).

***<u>Fis-seduta tad-19 ta’ Lulju, 2005, a fol 221, huwa ppreżenta riċevuti dwar xi qbiela.</u>***

15. Xehdet ukoll **Carmen Galea**, il-mara ta’ Carmel Galea. Hija qalet li ma kinitx marret għand in-Nutar għaliex l-avukat kellu l-prokura tagħha. (Fol.116) Hi ma kenitx preżenti qabel il-konvenju waqt in-negozjati. Kienet kellmet lil Sammy Lauron meta Carmel Galea (ir-raġel tagħha) kien ħa ċ-ċwievet minn għand Sammy Lauron. Lilha ma kienx qalilha ta’ min kienet l-art. Hi qatt ma kienet kellmet lill-bejjiegħa ta’ l-art għax dejjem ħalliet f’idejn ir-raġel.

**Xhieda Joseph Grech**

16. Xehed ukoll **Joseph Grech** li qal li kien hemm żewġ sensara (Costantino sive Tino Borg u Edward Browrigg) li kellhom l-art ta’ Burmarrad f’idejhom. **Sammy Lauron kien qalilhom li kienet ta’ missieru u mhux qbiela. (Fol.126, 127 u 129):**

***<u>‘Ħallihielu missieru.’</u>***

17. Huma kienu marru għand in-Nutar u ħallew ċekk tiegħu li kien post dated. Iċ-ċekk kien pagabbli lil Sammy Lauron. (Fol.132). **Ix-xhud insista li Sammy Lauron kien qal li l-art kien ħallihielu missieru**. (Fol.132).

18. Imbagħad kienu ltaqgħu ma' Carmel Galea (Fol 134) u kien qal lil dan Carmel Galea li l-art kienet fuqhom b'konvenju. Marru għand in-Nutar u sar il-konvenju. Galea mbagħad kien tahom xi ċekkijiet iżda x-xhud ma bediex jiftakar lil min kellhom jitħallsu. **Huma** kienu qed jitolbu aktar flus lix-xerrej għaliex riedu jixtru xi garaxxijiet Ħal-Qormi. Hu kien sarraf xi ċekkijiet u l-flus kien tahom lill-imputat biex jinxtraw il-garaxxijiet li eventwalment ma nxtrawx. Il-kuntratt ma' Carmel Galea ma setax isir u l-ewwel li mar ikellmu kien l-imputat dwar il-problema. (Fol.141). imbagħad marru għand in-Nutar biex iroddu l-flus lura.

**Xhieda ta' Matthew Pace**

19. Xehed ukoll **Matthew Pace** li qal li marru huma t-tlieta (hu, l-imputat u Josef Grech) għand Sammy Lauron għax kellhom interess fir-razzett li rawh 'good value for money'. Fuq titolu dwar l-art ma kien semma xejn. Marru għand in-Nutar u ħallew ċekk ta' Lm2,300 li kien ħarġu Joseph Grech. **Huwa ma ftakarx li Sammy Lauron kien qal xi ħaġa dwar l-art lin-Nutar.**

20. Imbagħad resqu biex jagħmlu konvenju ieħor ma' Carmel Galea. Il-problema li kienet inqalgħet kienet dwar xi konfini. Din kienet sorvolata għax tqabbad Perit biex jiddetermina l-konfini. Imbagħad sar il-konvenju u ngħataw ċekk ta' Lm4000. (Fol.150). Waqt il-konvenju n-nutar ma semma xejn dwar titolu ta' l-art. L-ewwel darba n-nutar kien qal li bażikament ir-riċerki kienu lesti u ndirizza l-problema dwar il-konfini. (Fol.151).

21. Matthew Pace xehed ukoll li huma kienu reġgħu marru għand Carmel Galea għax huma kien minn għalihom li r-razzett ma kienx hemm problemi. Intalbu aktar flus iżda dan ix-xhud ma kienx jaf x'kienet l-intenzjoni partikolari. Il-flus kienu qasmuhom bejniethom. (Fol.153). Imbagħad l-imputat kien qallu li r-razzett kien bi qbiela u riedu jroddu l-flus lura. (Fol.154). Ix-xhud sar jaf li kienu ngħataw Lm20,000 mingħand Carmelo Galea. Dan ix-xhud ma kienx jaf li l-art kienet bi qbiela. Huwa ma kienx preżenti

meta Carmelo Galea għadda madwar Lm12,000 lill-bejjiegħa l-oħra. (Fol.156). Ix-xhud kien ta l-flus lura lis-sur Carmel Galea. Hawnhekk ix-xhud intwera d-dok. CSH 1 u għaraf il-firma tiegħu. Ix-xhud baqa' jafferma li matul iż-żewġ konvenji ma deherlux li kien sar xi diskors dwar it-titolu ta' la-rt. (Fol.159).

**Xhieda tan-Nutar Pierre Falzon**

22. . Xehed in-**Nutar Pierre Falzon** li qal li huwa kien għamel il-konvenju. Sammy Lauron kien qallu li l-art kien tahielu missieru (jiġifieri missier Sammy Lauron) b'xi kuntratt li kien sar xi sitt snin qabel. Xi xahrejn wara l-ewwel konvenju sar it-tieni konvenju. Lil Dr.Vella kien qallu li r-riċerki ma kinux għandu għaliex meta kien sar l-ewwel konvenju kien ċar li l-kuntratt ma kinux ser jagħmluh it-tliet xerrejja li kienu dehru għax kienu ser iċedu l-art lil terzi. Allura ma kienx hemm skop li jsiru r-riċerki sakemm tinqala' persuna sabiex isir il-kuntratt. (Fol.164). Filfatt kien qallu li meta jkunu lesti r-riċerki jgħaddihomlu. **Dak in-nhar tal-konvenju r-riċerki ma kinux lesti żgur.** (Fol.165). Joseph Fenech kien infurmah li Carmel Galea ried jixtri l-propjeta' u ma riedx jistenna lill-Avukat. U għalhekk sar it-tieni konvenju li fih ma ngħatawx flus bħala deposit. Meta kien sar it-tieni konvenju, ir-riċerki kienu għadhom mhux lesti. Fuq titolu wieħed jitkellem biss wara li jsiru r-riċerki. **In-Nutar xehed li huwa ma kienx jaf li l-art kienet imqabbla minn għand il-gvern.**

23. Fi żmien il-konvenju, Carmel Galea kellu jieħu xi loan minn għand il-bank u n-Nutar kien qed jistenna s-sanction letter mill-Bank. (Dok F1 u fol.168). Sammy Lauron kien semma donazzjoni li saret fis-sena 2000. **Mir-riċerki din id-donazzjoni rriżultat pero' kienet ta' propjeta' oħra**. Ipprova jfittex fuq konjomijiet fil-qrib ta' Lauron – bħal Lauro – għaliex xi ħadd seta' jikteb il-kunjom mhux komplut iżda xorta ma tela' xejn. **Imbagħad Joseph Fenech kien tah riċevuta u mar għand il-Lands Department fejn għarrfuh li l-art ma kinitx ċens iżda qbiela**. (Fol.168). In-Nutar kkonferma li l-esibiti fiċ-challenge a fol.88 et kienu r-riċerki ta' Catherine Lauron u ta' Saviour Lauron. Huwa kkonferma li l-kopja tar-riċevuta

kienet ingħatat lilu minn Joseph Fenech. **Huwa imbagħad informa lill-partijiet u sar jaf li Carmel Galea kien avvanza xi flus iżda lin-Nutar ma kienx qallu li qed javvanza dawn il-flus.**

24. Lill-partijiet qalilhom biex jikkanċellaw il-konvenju u jsir il-ħlas lura. Joseph Fenech kien qal li ma kellux il-flus kollha għaliex kien ta parti minnhomm lil Joseph Grech. Joseph Fenech irrikonoxxa li kellu jagħti xi Lm17,000 bħala dejn.

**25. A fol.172 tal-proċess ix-xhud ċaħad li Sammy Lauron kien qallu li l-art kienet imqabbla. Minflok kien qallu li l-art kien tahielu missieru b'donazzjoni.** In-Nutar xehed ukoll li meta kien mar Dr.Vella kien qallu li r-riċerki ma kinux għandu. Huwa ma jimxix bis-sistema ta' l-appuntamenti u allura tista' persuna ċċempillu u tgħidlu li ser jagħmlu l-konvenju. Ma jkollokx il-file u ma jkollok xejn. **Huwa nnega li lil Dr.Vella kien qallu li r-riċerki kienu lesti**. Dan kien konvenju biex isir resale minnu u għalhekk ma toqgħodx tagħmel riċerki daqshekk malajr. Jista' jmur għand nutar ieħor u r-riċerki jkunu saru għal xejn. Huwa nnega li rċieva xi riċevuta minn għand Sammy Lauron. (Fol.174). Li kieku Sammy Lauron ġab id-dokumenti kien ikun jaf meta saret id-donazzjoni.

26. Ir-riċevuta kienet ġiet f'idejn ix-xhud **wara** li sar il-konvenju **u wara** li kienet ġiet is-sanction letter mill-bank. Meta nġiebet ir-riċevuta huwa wkoll ħasibha ċens iżda mbagħad għamel il-verifiki tiegħu mal-Lands Department. Ir-riċevuta kienet waħda normali u kull min xtara minn għand il-Housing għandu riċevuta tal-Lands u hawn eluf minn dawn.

27. A fol.176 in-Nutar qal hekk:

***'Għalija ċens kien. Ir-riċevuta bħala ċens qegħda.'***

28. Fil-konfront in-Nutar qal li huwa sar jaf li kienet qbiela u mhux għax qallu Joseph Fenech. Is-Sur Galea sar jaf li l-art kienet bi qbiela wara l-konvenju għax qallu n-Nutar

stess. Kien is-sur Galea li kkonferma li kien ta l-flus lil Joseph Fenech.

29. A Fol.181, għal mistoqsija diretta mill-Qorti n-Nutar wieġeb:

***‘Le, jien bil-flus sirt naf wara li kienu għaddew il-flus kollha. Kien qalli fuq il-flus Matthew Pace u għalhekk qed ngħġid dak il-ħin jiġifieri meta nqalgħet il-kwistjoni tal-qbiela Matthew Pace qalli dak tah Lm20,000 u għidltu kif jien’***

In-Nutar kompla jixhed hekk:

***‘Jekk timxi mal-konvenju li għamilt jiena, hija proċedura normalissima. L-unika ħaġa li mhix normali hija li s-sur Galea qabad u ta Lm20,000 lill-parti l-oħra bla ma qal lil ħadd u ma hi ebda prassi mkien li xi ħadd jagħti Lm20,000 quddiem fuq konvenju.’***

**30. L-Avukat Vella** xehed li kien qal lin-Nutar biex qabel ma jsir il-konvenju, hu (ix-xhud) xtaq jara r-riċerki. In-Nutar qallu li r-riċerki ma kinux l-uffiċju iżda li kienu lesti u ma kienx hemm inkwiet. Kien jonqos li jkunu aġġornati. (Fol.189 – 190)

**In-Nutar hawn irrisponda** li lilu ħadd ma qallu li kien ser imur jara r-riċerki. Iżda kien issuġġerielu li jsir il-konvenju u wara l-Avukat jara kienx soddisfatt bir-riċerki. (Fol.191). Imbagħad l-Avukat kien qala’ problema dwar pjanta u mhux pjanta u allura n-Nutar qalu biex ma jsir xejn.

31. In-Nutar qal ukoll li ma kienx għadda r-riċerki lill-Avukat għaliex il-klijent ta’ l-Avukat ma riedx li n-Nutar jgħaddi r-riċerki lill-Avukat. (Fol.192). **Il-Klijent kien qal lin-Nutar sabiex lill-Avukat ma jdaħħlu f’xejn għaliex il-kljient ma riedx iħallas xi Lm1000 spejjeż għalxejn. (Fol.192). Il-klijent kien qal lin-Nutar li hu (il-klijent) ma riedx jiftaħ kawża għaliex l-avukati kollhom spejjeż**. (Fol.193).

32. Xehed ukoll **Edward Brownrigg** li qal li l-ħabib tiegħu Costantino Borg kien qallu li kien hemm razzett għall-bejgħ. Hawn il-Qorti qratlu stqarrija li kien għamel. (Ara fol.204). Skond din l-istqarrija Costantino Borg kien qallu li kien hemm razzett f'Burmarrad għall-bejgħ u li tlieta min-nies kienu nteressati fih. Wara ra l-konvenju. (Fol.206). Sammy Lauron kien qal li kellu jitla' ħajt fejn kien ser jinbiegħ. Mal-konvenju ma kienx ħa flus. Wara saru jafu li kien hemm Carmel Galea li kien interessat jixtri r-razzett u l-prezz kien miftiehem bejn Charles Galea u l-imputat. Ix-xhud kellu jagħmel xogħol fuq xi ħajt u b'hekk jakkwista xi ħaġa tal-flus. (Fol.208).
Darba l-imputat ċempillu u qallu li l-kuntratt ma setax isir u kien ser jgħid hekk lil Carmel Galea.

33. Mistoqsi mill-Qorti jekk Sammy Lauron kienx qalilhom li dik l-art ma tistax tinbiegħ għax hija art tal-Gvern huwa wieġeb:

***'Jien kieku qalli ma tistax tinbiegħ kont naqbad u naqta' mill-ewwel hux.' (Fol.210.***

34. Għall-mistoqsijiet tal-Qorti, huwa baqa' jgħid li Sammy Lauron kien **semma biss xi ċens għand in-Nutar.**

Huwa qal:

***'Li ma jistax jinbiegħ jien ma smajthiex dik il-kelma….' (Fol.212)***

35. Huwa lanqas kien sema' li Charles Galea kien ta' Lm20,000 lill-imputat. Li kieku kien jaf kien jitlob xi ħaġa tas-senserija. (Fol 212)

36. Hawn saret mistoqsija diretta mill-Qorti (Fol.214):

***'Qorti: Ara inti lilek xi ħadd qallek, isma' din l-art tal-Gvern?***

***Xhud: Imkien ma smajtha.'***

**Xhieda ta' Costantino Borg (fol 235 – 261)**

37. Għall-Prosekuzzjoni xehed ukoll Costantino Borg li qal li Sammy Lauron kien qallu li kellu razzett għall-bejgħ. Sammy Lauron kien talab prezz tar-razzett lil Matthew Pace u lill-imputat (Fol.239) u **qalilhom li ċ-ċens kien perpetwu**. (Ara fol.239, 240, u 241). Marru għand in-Nutar u għamlu l-karti u dan qallhom

'Issa niċċekkjaw.' (Fol.243).

**Lin-Nutar qallu li hu perpetwu**. (Fol.243).

**Dan ix-xhud ħajjar lis-sur Galea jixtri r-razzett iżda dan qallu li kien diġa' xtrah. (Fol.244).**

38. Effettivament dan ix-xhud lanqas kien preżenti fit-tieni konvenju u kien ipprotesta ma' Matthew Pace għax kienu qalgħuh barra mis-senserija. (Fol.250).

39. Fil-kontro-eżami huwa qal li Sammy Lauron kien avviċinah għax kien interessat li jbigħ dan ir-razzett. Il-kliem li kien sar bejn Sammy Lauron u l-imputat u l-oħrajn kien diskors normali ta' xiri u bejgħ. A fol.254 ix-xhud, wara mistoqsija mill-avukat difensur jekk Sammy Lauron kienx semma xi ċens perpetwu, l-ewwel qallhom le u imbagħad beda jgħidilhom iva u meta marru għand in-Nutar beda jilgħab bid-diskors. **Sammy Lauron imbagħad qal li dan perpetwu. (Fol. 256).**

A fol.257:

40. 'Meta marru għand in-Nutar huma, qalilhom, l-ewwel qalilhom perpewtu (hawn kien qed jirreferi għal meta kienu fir-razzett) u nistgħu nirranġaw kollox.'

**Ix-xhud iċċara l-pożizzjoni aktar 'l isfel: (Fol.258)**

**'Meta konna r-razzett qed jixtru ma qgħadx jgħidilhom dan ma jistax jinbiegħ u hekk. Qallhom li kien tal-Gvern imma qalilhom li kollox kien all right.'**

41. Ix-xhud konsistentement uża l-kelma ‘perpetwu’ biss u a fol.259 qal:

***<u>‘Għax iċ-ċens jinxtara hux.’</u>***

**L-Artikoli tal-Avukat Ġenerali**

42. Hawnhekk inqraw l-artikoli u l-imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-proċeduri jkunu sommarji. (fol 263 5 ta’ Lulju 2006).

**Xhieda Difiża**

**43. Xhieda tal-imputat 27 ta’ Mejju 2009**

L-imputat qal li Joseph Grech, Matthew Pace u hu stess kienu ftehmu li jixtru xi biċċa art flimkien. Is-sensar Costantino Borg kien qalilhom li hemm razzett għall-bejgħ. L-imputat qal li huma kienu xtraw ir-razzett b’ċens u qatt ma kienet tniżżlet il-kelma ‘qbiela’. L-imputat qal li kieku kien jaf li kieent qbiela huwa ma kienx ser jixtri dik l-art għax ma kienx miġnun. Il-qbiela jduru biss għand tal-familja. Huwa ma kienx lest jonfoq Lm23,000 u l-art tkun qbiela. (fol 281). Ir-razzett xtrawh it-tlieta. Huma kienu ħallew cheque post dated għand in-Nutar fl-ammont ta’ Lm2300. (wieħed minn għaxra tal-prezz).

44. L-istess sensar kien avviċina lit-tliet xerrejja u x-xerrejja ftehmu li l-bejgħ lil Charles Galea kellu jkun ta’ Lm50,000 (fol 284).

45. Ix-xerrej kien akkumpanjat mill-Avukat tiegħu li nsista li l-kejl ikun preċiż u mhux minn marka bħal ‘it-tank’. Il-bejjiegħ oriġanali ried iżomm parti għalih. Għalhekk sar il-kejl fuq il-post.

46. Meta marru għand in-nutar ir-riċerki kienu għadhom mhux lesti u n-nutar qalilhom li dawn kienu għadhom jridu jsiru (fol 285). Ix-xerrej ħalla Lm4000 għand in-Nutar. Imbagħad it-tliet bejjiegħa xtraw 14-il garaxx f’Ħal-Qormi.

47. Ix-xerrej Charles Galea kien bagħat għall-imputat u qallu li jekk l-imputat kellu bżonn il-flus kien jitlob lix-xerrej u dan jagħtih. (fol 285). Qallu wkoll xorta qed inħallsek, qed naqtagħhom naqra, naqra għar-razzett (286).

48. Hawn il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk meta nxtara r-razzett sidu kienx qal lix-xerrejja li kien hemm problema. L-imputat wieġeb:

'Qatt. Qatt ma qalli li hemm problema. Anzi kien ħadu għand missieru u l-missier kien qallu li dak kien ċens idur. (fol 286). Ix-xerrej kien ħa lill-imputat f'daru xi tliet darbiet biex joqgħod jurieh l-**antikita'**.

49. Ix-xhud Lauron dejjem kien jgħid li l-art kienet ċens idur u saħansitra kien ħadu għand missieru.

50. Hawn il-Qorti staqsiet:

'Jekk ngħidlek li Lauron xehed illi hu fetħitlkom għajnejkom, qalilkom li hawnm ma jistax idur. Xi tgħid?'

51. L-imputat wieġeb hekk:

***'Mhux veru. Qatt ma fetaħli għajnejja u baqa' jgħid sal-aħħar u jdur. U baqa' jgħid hekk sa ma n-nutar irċieva r-riċerki**.'*

52. In-nutar kien bagħat għall-imputat u qalli x'kien ġara . L-imputat mill-ewwel qal lin-Nutar li issa flus ma kellux. U għalhekk saret skrittura private. In-nutar reġa' baħgat għal Sammy Lauron u dan baqa' jgħid li l-post kien b'ċens. Saħansitra kien iltaqa' ma' Sammy Lauron fuq il-pont tal-Mosta u dan baqa' jinsisti li l-post kien b'ċens.

53. Għal mistqosija tal-Qorti, l-imputat ikkonferma li x-xerrej kien tah Lm20,000 u li r-riċwerki kien saru xi 4 xhur wara. (fol 290).

Il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk waqt li kien qed jirċievi l-pagamenti minn għand Charles Galea l-imputat kienx jaf li qed jieħu flus meta ma kienx hemm titolu sew fuq l-art.

54. L-imputat wieġeb: ‘Lanqas qatt, Sur Maġistrat.’ (fol 290)

55. Il-Qorti għafset aktar bil-mistoqsijiet u wisseit lill-imputat li kienet qeed tarah u tiżnu.

56. Ix-xhud qal:

**‘Lanqas qatt, Naħilfu bil-ġurament. Qatt ma kien li (x-xerrej) qed iħallasni u naf li ma jistax idur. Qatt ma kienet u nibqa’ naħilfu’**

**57. Il-Qorti riedet tkun tafk ukoll x’sar mill-flus li kien tah ix-xerrej. L-imputat wieġeb li l-garaxxijiet kienu nbiegħu bit-telf. U fl-aħaħr ħadhom il-bank (l-HSBC)**

58. Il-Qorti ħadmet somma ta’ Lm3,700 li ġew f’idejn l-imputat u staqsietu għala dawn ma kienx tahom lix-xerrej. (fol 292).

59. L-imputat reġa’ spjega li huwa kellu problem ital-flus (fol 292) u stqarr:
‘Jien qatt ma għidtlu ma rridx inħallas.’ (Ingħadet darbtejn). Filfatt kellhom xi postijiet tal-familja u kienu għadhom bl-inkwiet sal-jum meta xehed quddiem il-Maġistrat.

**60. L-imputat qal li hu ma kien għamel ebda pass biex iqarraq b’Charles Galea.**

**‘Jien tqarraqt minn għad Sammy Lauron għax jiena xtrajt b’ċens u bgħett b’ċens u trid tkun miġnun biex tħallas Lm23,000 għall-qbiela.’ (fol 293)**

61. L-imptutat qal li hu qatt ma ċaħad li għandu jagħti flus lil Charles Galea.

62. Fil-kontroeżami l-imputat qal li hu kien ta ċ-ċwievet lil Carmelo Galea xi tliet ġimgħat wara li kien diġa’ tah xi żewġ pagamenti. (fol 295).

63. Il-Qorti qrat l-istqarrija lill-imputat (fol 295 sa 302) li l-imputat ikkonferma bil-ġurament.

64. Xehed in-Nutar Pierre Falzon li kkonferma li meta sari l-konvenju r-riċeerki kienu għadhom ma sarux. In-Nutar bl-ebda mod ma kien involut fin-negozjati bejn is-Sur Lauron u l-imputat (fol 310). In-Nutar iltaqa' mas-Sur Lauron l-ewwel darba meta sari l-konvenju. Is-Sur Lauron dejjem kien qal li saret donazzjoni minn għand il-missier lit-tfal u fil-konvenju oriġinali hemm miktub 'Donazzjoni 2000'. In-Nutat kien qal lil Lauron li jrid jara minn fejn kienet ġejja l-art.

65. Is-Sur Galea kien qed ser jieħu xi loan mill-Bank of Valletta u kien qallu li r-riċerki qed isiru. Kien hawn li s-sur Galea informa lin-Nutar li kien diuġa' ta lix-xerrejja Lm20,000. Meta kien ser isir id-deposit, l-imputat kien diġa' tah Lm4000 deposit. Minkejja li n-nutar kellu ħafna nies, ġaladarba x-xerrej kien diaġ' ta d-deposit lill-bejjiegħa, in-nutar qalilhom biex imorru jagħmlu l-konvenju biex ix-xerrej ikun kopert. Is-sur Galea kien amr għand in-Nutar bl-avukat tiegħu. Malli n-nutar kellu r-rioċerki f'idejh, sejjaħ lill-partijiet u qalilhom li l-art kienet qbiela. Il-bejjiegħa l-oħra kienu ħallsu iżda l-imputat kien għamel karta private fejn ikkostitwixxa ruħu debitu għas-somma ta' Lm17,000.

66. Ħadd mit-tliet bejjiegħa ma kien jaf li l-propjeta' ma setgħetx tgħaddi lil terzi. Is-Sur Lauron kien ġab riċevuta minn għadn il-Lands li kient tgħid li 'Iċ-ċens tal-art' (ara fol 314. Is-sur Galea din ir-riċevuta kien raha ukoll. (fol 314).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

67. L-Avukat Ġenerali bagħat dawn l-artikoli 308, 309, u 310.

**Punt ta' Liġi –It-Truffa**

68. Skond il-Qrati tagħna:

***<u>'L-element essenzjali għall-ksotituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scen, cioe' dawk l-artifizi jew</u>***

***raġġiri idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fl-iżball – l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball ilp-vittma tagħmel jew tonqos milli taħgmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligħ għall-aġent.***

***Il-Liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raġġiri, jkunu xi ħaġa ikkumplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet; in fatt l-liġi stess tindika l-form li dawn l-artifizi jew rġġiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni tagħti x'tifhem li għandh flus meta m'għandhiex.***

***Element essenzjali ieħor tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ġġarrab il-vittma bil-konsegwenzi qligħ għall-aġent, liema telf u qligħ ikun ir-riżultat ta' xi ħaġa li tagħmel jew tonqos milli tagħmel il-vittma għax tkun ġiet ingannata.'*** [2]

69. Skond il-ġurista Taljan l-Antolisei:

***'l'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realt' effettuato sia simulando cioe' che non esiste ( per esempio ricchezza, titoli, nome, qualita' ecc) sia dissimulando,vale a dire, nascondendo cioe' che esiste (pe resempio, il-proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata ecc).*** [3]

70. Min-naħa l-oħra l-istess awtur jgħid li:

***'Il raggiro e' un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu' precisamente una menzogna corredeta da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita'*** [4]

---

[2] Il-Pulizija versus Emmanuele Ellul fol 207 Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) 20 ta' Ġunju 1997.
[3] Antolisei Francesco – Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I. Giuffre' (Milano) (1986)pagina 295
[4] Antolisei Francesco – ibid.

71. Hemm differenza bejn it-truffa, is-serq u l-appropriazzjoni indebita. Dan għaliex waqt li fl-aħħar żewġ reati hemm in-nuqqas ta' kunsens tal-vittma, fit-truffa il-kunsens tal-vittma jingħata.

72. Fuq l-istess linji kien deċiż il-każ: 'Il-Pulizija v George Manicolo' fejn il-Qorti qalet:

***'Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzonjer, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Irid ikun att jew atti li impressjonaw bneidem ta' intelliġenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap 9. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur…….***

***Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap 9 huwa kompriż u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 tal-istess Kodiċi. Dan joħroġ ċar minn interpretazzjoni akkurata tal-artikolu 308, 309 u 310 kif ukoll fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza in materia.'***[5]

73. Il-Qrati kompolew jelaboraw u fil-każ 'Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby, il-Qorti qalet hekk:

***''Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri o artifizii – dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll il-mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata'*** [6]

74. Dwar id-dolo fir-reat ta' truffa l-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) kellha dan xi tgħid:

---

[5] Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 31 ta' Lulju 1998

[6] Qorti tal-Appell Kriminali 12 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti rreferiet ukoll għall-każi 'Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis App.Krim 31/10/59. Vol. XLIII.IV.1137; Il-Pulizija vs Francesca Caruana App.Krim 25/07/53 Vol XXXVII.IV.1127 u Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer App.Krim 3/3/56

***‘Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann il-konsenja tal-flus jew oġġett li jkun bi profit inġust tiegħu….Jiġifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali ta’ truffa hemm bżonn li s-suġġett attiv tar-*****reat** ***fil-mument tal-konsumazzjoni tiegħu jkun konxju tal-inġustizzja tal-profitt..’*** [7]

75. Għalhekk l-elementi tat-truffa huma:

(a) att li jimpressjona bniedem ta’ intelliġenza u prudenza normali;
(b) att frawdolenti li jinganna;
(ċ) it-telf patrimonjali li ssofri l-vittma;
(d) l-intenzjoni li wieħed jipprokura flus bi profit inġust liem intenzjoni trid tkun fil-mument tal-konsumazzjoni;
(e) jekk m’hemmx il-***mise en scene*** ikun hemm ir-reat minuri ta’ frodi innominata

U

(f) Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap 9 huwa kompriż u involut f’dak ikkontemplat fl-artikolu 308.

76. Għalhekk, sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova l-ħtija tal-imputat, iridd jirriżulta mill-atti li:

(1) L-imputat għamel att frawdolenti li jimpressjona bniedem ta’ intelliġenza u prudenza normali;

(2) Li dan il-bniedem sofra telf patrimonjali;

(3) Li l-imputat kellu l-intenzjoni li jipprokura l-flus bi profit inġust liema intenzjoni trid tkun fil-mument tal-konsumazzjoni.

---

[7] Qorti tal-Appell Inferjuri 22 ta’ Frar 1993 Imħallef l-Onor.Carmel Agius ‘Il-Pulizija vs Charles Zarb. Ara wkoll ‘Il-Pulizija (Spettur Angelo Farrugia) vs Nichola Farrugia 28 ta’ Lulju 1998 (Imħallef l-Onor Carmelo Agius u ‘Il-Pulizija vs Alfred Agius’ tas-6 ta’ Frar 1961 (Imħallef l-Onor Dr J Flores).

77. Bħalma għamlet il-Qorti Kriminali fil-proċeduri taċ-challenge lill-Pulizija, il-Qorti fliet il-proċess diversi drabi, s'intendi bl-evidenza kif inġabret **quddiem din il-Qorti.**

78. Skond il-perimetru taż-żmien mogħti fl-imputazzjoni, il-qerq ried iseħħ fil-11 t'April 2001 (jum il-konvenju mas-Sur Galea) u **fix-xhur ta' qabel u wara din id-data.**

**L-ewwel Parti (11 t'April 2001 u x-xhur ta' qabel)**

79. L-allegat att frawdolenti, skond il-Prosekuzzjoni, huwa l-bejgħ ta' art li filfatt kieent qbiela minn għand il-Gverfn u li għalhekk qatt ma setgħet tinbiegħ.

80. Il-Konvenju tassew sar u miegħu tħallsu xi flus mis-sur Galea. Issa hawn il-Prosekuzzjoni riedet tipprova 'l hemm minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kein jaf li kien qed ibiegħ art li ma setgħetx tinbiegħ.

81. L-imptutat innifsu nnega dan kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xehed minn fuq il-pedana tax-xhieda.

82. Filfatt huwa qal li ma kienx miġnun biex iħallas tant flus għal art li ma tistax tkun akkwistata.

83. Jekk wieħed ma jsibx il-verżjoni tal-imputat attendibbli, allura wieħed irid jara xi provi oħra kien hemm.

84. Fil-fehma tal-Qorti huwa importanti x'qal verament Sammy Lauron lis-sensar, lill-imputat u lil Matthew Pace. Huwa insista li lil dawn in-nies kien qalilhom li kienet art tal-Gvern. Anzi lill-imputat qallu li l-art tal-gvern u mhxu tiegħu. Skodn ix-hux Żeppi l-ħafi qallu li kien jirranġa. Imma ma' dan ma qablux diversi xhieda.

(a) Edward Brownrigg li xehed li li kieeku Sammy Lauron qal hekk, allura kien jaqbad u jaqta' mal-ewwel. Anzi lanqas biss kien sema' l-frażi li l-post ma setax jinbiegħ. Għand in-Nutar sammy Laruon kien semma biss ċens.

(b) Costantino Borg qal li Sammy Lauron kien qalilhom li ċ-ċens kien perpetwu u dan żied jgħid li lin-Nutar kien

qallu li kien perpetwu. Qal ukoll li Sammy Lauron kien avviċinah għax kien interessat li jbigħ dan ir-razzett. Barra dan meta kienu r-razzett qalilhom li kien tal-Gvern imma li kollox kien all right.

(c) Joseph Grech xehed li kien qalilhom li kien ta' missieru u mhux qbiela . Anzi x-xhud insista li Sammy Lauron kien qal li l-art kien ħallihielu missieru.

(d) In-Nutar Pierre Falzon ċaħad li Sammy Lauron kien qallu li l-art kienet imqabbla. Minflok kein qallu li l-art kien tahielu missieru b'donazzjoni. Ir-riċevuta kienet bħala ċens.

(e) L-imputat innifsu li enfasizza li art bi qbiela ma kienx lest li ser jixtri. Fl-istqarrija (13 ta' marzu 2002) huwa qal:

**'Sammy Lauron qalli li l-art in kwistjoni kienet b'ċens li setgħet iddur. Jiena stasejtu li jekk kienet bi qbiela , ma kontx ser nixtieha. Sammy reġa' qalli li kienet b'ċens u setgħet iddur.' (fol 37) Sammy Lauron kien qal ukoll 'kif daret fuqi minn għand missieri u biegħ biċċa faċċata wkoll. Huwa baqa' jgħid li l-art setgħet iddur sa ma n-Nutar kellu r-rċerki f'idejh.**

85. Il-Qorti mhux biss għandha xhieda konfliġġenti, u b'xi wħud jippruvaw jgħidu tal-anqas iżda ppruvat tifhem għala Sammy Lauron kien avviċina sensara biex ibigħu art li hu qal li widdeb lil ħadd ieħor li kienet tal-gvern. **Wisq aktar, jekk ma kienx ċert mill-pożizzjoni legali tal-art, għaliex mar għand in-Nutar fit-8 ta' Frar 2001 (fol 304)biex isir il-konvenju mal-imputat u ż-żewġ xerrejja l-oħra minflok ma qata' ħesrem kull negozju fuq l-art? Waħda mill-kundizzjonijiet kienet 'Il-proprjeta' tiġi trasferita bil-vacant possession u libera minn drittijiet ta' terzi. Oħra kienet 'Il-venditur (Sammy Lauron) jiggarantixxi l-bejgħ skond il-liġi b'ipoteka ġenerali.'**

86. Il-Qorti kkonsidrat jekk sal-11 t'April 2001 l-imputat li kien bejjiegħ ma ' żewġ bejjiegħa oħra' kellux xi

informazzjoni dwar il-pożizzjoni legali. Mill-atti ma jirriżulta xejn dwar dan. Qed tqis ukoll li l-imputat ma kienx qed ibiegħ waħdu iżda ma' żewġ persuni oħra. Ukoll jekk l-imputat kien il-protagonist, qatt ma seta' jagħmel il-bejgħ mingħajr l-oħrajn. Il-Qorti ma tista' tassumi xejn u toqgħod fuq il-provi. Lanqas il-Qorti Kriminali (waqt ic-challenge) ma sabet xi prova **prima facie** ta' kompliċita' bejn għadd ta' persuni sabiex issir xi frodi. L-evidenza li għandha quddiemha din il-Qorti ma twassalx għal dik il-prova ċara li l-imputat kellu dik l-intenzjoni li jqarraq bix-xerrej filwaqt tal-konvenju jew fix-xhur ta' qabel.

87. Fi proċeduri kriminali l-oneru tal-prova huwa akbar minn dak fi proċeduri ċivili, Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li Prosekuzzjoni ma ppruvatx 'l hemm minn kull dubju raġonevoli li l-imputat fil-11 t'April, 2001 u fix-xhur ta' qabel l-imputat wettaq ir-reat indikat fl-imputazzjoni.

**It-Tieni Parti : fix-xhur ta' wara d-data 11 t'April, 2001.**

88. Iżda l-imputazzjoni tirreferi wkoll **għax-xhur ta' wara dina d-data**. Effettivament, jekk wieħed jifli l-kwerela bir-reqqa, il-lament ewlieni huwa dwar in-nuqqas tal-imputat li jħallas Lm17,700 li kien intrabat li jħallas mhux aktar tard mill-1 t'Awwissu 2001. 'Sa llum (3 t'Ottubru 2001),'(tispiċċa l-kwerela) 'il-klijenti tiegħi (Is-Sinjuri Galea) baqgħu ma rċevew xejn minn għand l-imsemmi Joseph Fenech.'

89. Għax-xhur sussegwenti (jiġifieri bejn il-11 t'April 2001 u s-27 ta' Lulju 2001 meta saret l-iskrittura privata b'kostituzzjoni ta' debitu) il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat kien qed jieħu flus akkont tal-prezz finali fuq l-art minn għand is-sur Galea meta l-imptutat kien jaf li tali bejgħ ma setax isir. Minn dan jidher li s-sur Galea kellem lill-Avukat tieg]u biex jiddiriġieh wara li l-flus minn għand l-imputat ma waslux. Fi ftit kliem, li kieku l-imputat ħallas, l-istorja kienet tieqaf.

90. L-ewwelnett ma nġiebet ebda prova ċara li l-imputat kien konxju b'xi problema dwar it-trasferiment matul dan il-

perjodu ta’ tliet xhur u 16-il jum. Il-prova li nġiebet kienet li s-Sur Galea beda jgħaddi l-flus lill-imputat. Dan l-imputat ma nnegahx u meta xehed huwa qal li hu (l-imputat) qatt ma qal li kien ser iħallas.

91. Mill-provi jidher li s-sur Galea fil-bidu kellu ċerta biża’ mill-imputat iżda spiċċa jistiednu d-dar. **Fil-bidu wkoll kellu l-Avukat jgħinu li tah parir sew meta qallu li jridu jaraw li r-riċerki jkunu sew u li għandu jsir il-kejl tal-art u mhux sempliċiment ikun hemm indikazzjonijiet minn fixed points.**

92. Iżda s-sur Galea għażel li jkompli bla avukat. Kien is-Sur Galea stess li l-ewwel darba li sar jaf li l-imputat kellu bżonn il-flus sabiex hu u sħabu jixtru l-garaxxijiet ġeqwwa Ħal-Qormi qabad u offra l-flus lill-imputat.

93. Is-Sur Galea huwa fin-negozju tal-antikitajiet u għalhekk jaf sew x’inhu negozju. Għalhekk kif f’daaqa waħda beda jgħaddi l-flus lill-imputat biex jaqta’ mill-prezz finali u dan meta l-post kien għadu fuq konvenju. Jekk ma jkunx hemm xi ftehim mod ieħor hija prassi li wieħed iħallas 10% tal-prezz malli jsir il-konvenju u imbagħad il-bilanċ jitħallas mal-kuntratt jew aktar tard. Għalhekk, diffiċli tifhem kif s-Sur Galea, bniedem tan-negozju u li fil-bidu uża s-servizzi ta’ avukat ta’ esperjenza, f’daqqa waħda ta Lm20,000 lill-imputat u sħabu meta l-konvenju kellu jiskadi fit-30 ta’ Ġunju 2001, jiġifieri bejn id-data tal-konvenju u l-kuntratt kien hemm biss xahrejn u 19-il jum.

94. Lill-imputat il-Qorti staqsietu x’kien għamel bil-prezz li daħħal mill-garaxxijiet. L-imputatg wieġeb li n-negozju ma marx tajjeb, dawn inbiegħu bi prezz aktar baxx u reġgħu spiċċaw għand il-bank.

95. L-imputat ta prova fuq bażi ta’ probabilita’ x’ġara. Huwa ntrabat ukoll li jrodd lura l-flus u lin-Nutar mal-ewwel kien qallu li ma kienx jaf x’ser jagħmel biex jirrifondi għax flus f’idejh ma kellux.

96. Fi proċeduri kriminali trid timxi ma’ provi stretti u għalhekk ried ikun ippruvat li l-imputat

(a) ivvinta bejgħ ta’ art li kienet bi qbiela;
(b) mill-konvenju ‘l hemm joqgħod jara x’jiġborminn għand is-Sur Galea qabel ma jsir il-kuntratt;
(ċ) jivvinta diversiv fuq il-garaxxijiet ta’ Ħal-Qormi

97. Dan huwa xenarju kumulattiv li m’hemmx provi għalih. Wieħed irif jimmaġina li l-imputat kien ser jipperswadi bniedem tan-negozju biex iħallsu qabel ma jsir il-kuntratt. Dan qajla jiġri fejn ix-xerrej huwa bniedem li ma jinnegozjax, aħseb u ara fejn ix-xerrej huwa bniedem tan-negozju mrawwem.

98. Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi li meta tieħu t-tieni parti biss – mill-konvenju sakemm in-Nutar informa l-partijiet li l-bejgħ ma setax isir – il-Prosekuzzjoni naqswet li tipprova r-reat ta’ truffa vis a vis l-imputat.

**It-Tielet Parti – Frodi Innominata.**

99. Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali li huwa reat involut u kompriż fir-reat ta’ truffa (ara ġurisprudenza ċitata aktar ‘il fuq). Jekk m’hemmx ir-raġġiri, allura hemm il-frodi innominata. Fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas tal-imputat li jħallas dak li kien intrabat li jħallas ma jinkwadrax taħt ir-reat ta’ frodi innominata. Hemm min jieħu l-flus b’qerq u ma jħallasx. Hemm min jissellef u ma jħallasx. Mhux kull min ma jħallasx qed iwettaq ir-reat ta’frodi. ***Fil-fehma tal-Qorti l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma jwasslu għal din il-konklużjoni***
***Id-dejn tal-imputat versu Charles Galea huwa ta’ natura ċivili..***

**Konklużjoni**

**100. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------